# RAPPORT AMMINISTRATTIV
# SEBA` XHUR TA' ĦIDMA
# Jannar sa Diċembru 2020

***<u>Introduzzjoni</u>***

Dan ir-Rapport Amministrattiv jiġbor fih il-ħidma mwettqa mill-Kunsill Lokali matul il-perjodu ta' leġiżlatura ġdida li bdiet fis-seħħ minn Jannar sa Diċembru tas-sena 2020.

Il-kompożizzjoni tal-Kunsill u r-responsabilitajiet tal-membri kienu kif jidhru hawn taħt:

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku Mario Calleja:** | Finanzi u Sigurta`, proġetti kapitali u membru tal-bord tar-rivista.<br><br>Ambjent - ( Indafa ) – Kollezzjoni tal-iskart domestiku w goff, knies u BIS<br><br>Komunitajiet tan-negozji flimkien ma` Entitajiet oħra inkluż il-Kleru.<br><br>Tqassim ta` xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill<br><br>Douzelage Town Twinning Organisation, Progetti u Fundazzjoni GAL Xlokk. |
| **Il-Viċi Sindku Janice Falzon:** | Ambjent, Ambjent  fejn jidħol Riserva tal-Magħluq.<br><br>Transport Pubbliku inkluż Bus Shelters.<br><br>Ħarsien tal-annimali.<br><br>Sports u attivitajiet fiżiċi.<br><br>Bord editorjali tar-rivista. |
| **Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri:** | Binja Amministrattiva.<br><br>Enereġija, Ambjent Marittimu fejn jidħlu gaġeġġ tal-hut u kull tniġġiz tal-ibħra tal-madwar<br><br>Integrazzjoni Socjali  u membru tal-Bord tar-rivista, komunitajiet. |
| **Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud:** | Edukazzjoni Primarja u rappreżentant tal-edukazzjoni fid Douzelage.<br><br>Anzjani<br><br>Indafa u tiżbieħ tal-ġonna u *promenade* |

| | |
|---|---|
| | Rappreżentant tal-Kunsill fil-Wasteserv u l-Impjant ta` Sant` Antnin<br><br>Rappreżentant tal-Kunsill fill-Kumitat tar-Reġjun Xlokk. |
| **IL-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri:** | Holqien ta` *Website* ġdida tal-Kunsill flimkien ma *facebook*.<br><br>Edukazzjoni Sekondarja li tinvolvi laqgħat maż-żewġ kapijiet tal-iskejjel tagħna flimkien ma` Charlot Mifsud għall-edukazzjoni aħjar fil-lokal tagħna.<br><br>Innovazzjoni |
| **Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud:** | Kultura, attivitajiet soċjali inkluż din tal-preparazzjoni għall-Jum Marsaskala.<br><br>Persuni b`diżabilita` kif ukoll Ugwaljanza. |
| **Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli:** | Żgħażagħ u tfal.<br><br>Proġetti tad-Douzelage. Applikazzjonijiet u rapport finali.<br><br>Tħejjijja għall-laqgħa Ġenerali Annwali f`Marsaskala fl-2022. |
| **Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar:** | Qasam Soċjali<br><br>Infittxu residenti li ma jgħixux diċenti. Nippruvaw naslu kemm mal-knisja kif ukoll mal-Awtoritajiet Ċivili.<br><br>Sanita`. Infittxu garaxxijiet li jabitaw nies fihom mingħajr faċilitajiet sanitarji.<br><br>Wirt Storiku. |
| **Il-Kunsillier il-Perit John Schembri:** | Infrastruttura tat-toroq.<br><br>Disinji fuq proġetti proposti.<br><br>Nidentifikaw għamara fit-toroq tagħna li jkollha bżonn manutenzjoni jew tinbidel. Hemm bżonn isir inventarju ta` kull biċċa għamara li għandna fit-toroq tagħna. |

Kif wieħed qiegħed jinnota, din is-sena, r-Rapport Amministrattiv qiegħed isir fuq bażi ta' tnax il-xhar, minn Jannar sa Diċembru tas-sena kurrenti.

Dawn l-aħħar tnax il-xhar tas-sena 2020 kienu bla dubju bla waqfien, li matulhom, il-Kunsill iltaqa` tnax il-darba sabiex jiddiskuti tnax il-aġenda differenti.

Matul is-sena 2020 saret laqgha waħda tal-lokalita` fil-11 ta' Diċembru 2020. Minħabba ir-restrizzjonijiet tal-Covid l-ewwel lagħa ma saretx pero` r-rapport amministrattiv ittella online.

L-attendenza tal-Kunsilliera għal-laqgħa tal-Kunsill kienet hekk:

| Isem | Nru ta' Laqgħat | Preżenti | Assenti b'Apoloġiji | Assenti |
|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku s-Sur Mario Calleja | 12 | 12/12 | 0/12 | 0/12 |
| Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon | 12 | 10/12 | 2/12 | 0/12 |
| Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri | 12 | 12/12 | 0/12 | 0/12 |
| Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar | 12 | 10/12 | 2/12 | 0/12 |
| Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri | 12 | 11/12 | 1/12 | 0/12 |
| Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud | 12 | 8/12 | 3/12 | 1/12 |
| Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud | 12 | 9/12 | 3/12 | 0/12 |
| Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli | 12 | 10/12 | 1/12 | 1/12 |
| Il-Kunsillier il-Perit John Schembri | 12 | 9/12 | 3/12 | 0/12 |

Matul dan il-perjodu kienu preżentati erbgħa u għoxrin il-mozzjoni li l-maġġoranza tagħhom ġew implimentati.

Matul is-sena finanzjarja li għaddiet, il-Kunsill kellu allokazzjoni ta' fondi mill-Gvern Ċentrali li tammonta għal €1,035169.00

**<u>Sejħiet għall-offerti li nħarġu fis-sena 2020:</u>**

| | |
|---|---|
| KLM 2020/01: | Tender for street sweeping using a low emission service vehicle Marsaskala Local Council |
| KLM 2/2020: | Road Maintenance and patching works of access and access only roads Marsaskala Local Council. |
| KLM 2020/03: | Tender for the finishes and M&E Works within the newly built Marsaskala Local Headquarters, using various environmentally Friendly practices |
| KLM 2020/04: | Supply of a low emission second hand truck with open box |
| KLM 2020/04 R: | Supply of a low emission second hand truck with open box (re-issue) |

**Rapport ta' Ħidma mis-Sindku s-Sur Mario Calleja**

Ma nistax ma nibdix dan ir-rapport u ma` nirringrazzjax lill-Viċi Sindku, lill-sħabi Kunsilliera, s-Segretarju Eżekuttiv, l-iskrivani kollha, l-ħaddiema tal-RSS u dawk tal-Komunita` għax li kieku ma` naħdmux bħala tim żgur illi dan ix-xogħol li jsir fil-komunita` tagħna ma` jsirx. Wieħed ma` l-ieħor u katina waħda. Nagħmilha ċara li s-Sindku waħdu huwa bla saħħa.

**Finanzi tal-Kunsill:**

Nista nħabbar b`wiċċi minn quddiem illi l-finanzi tal-Gvern Lokali tagħna huma tajbin ħafna u b`*surplus*. Dan minkejja li beda x-xoghol fuq il-binja amministrattiva. Dejjem konna attenti biex nibżgħu għall-fondi għax issa fil-fatt ġejna bżonnhom għax appik tibda l-binja amministrattiva. Hawnhekk tajjeb insemmu illi fil-binja ser ikun hemm anke berġa ġdida għas-servizz tal-pubbliku Skaliż. Il-finanzi huma responsabilta` personali tas-Segretarju Eżekuttiv u tiegħi allura ta` kulljum flimkien niddiskutu d-dħul u l-ħruġ tal-fondi pubbliċi. Dan dejjem bl-għajnuna tal-*Accountant* brava tagħna u saqajha mal-art is-Sinjura Mintoff. Apparti l-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali aħna dejjem infittxu proġetti b`għajnuna finanzjara min-naħa tal-Ewropa. GAL Xlokk huwa wieħed minnhom apparti wkoll id-*Douzelage Town twinning Organisation*. Min naħa ta` din l-organizazzjoni r-residenti tagħna jgawdu ħafna billi anke jżuru pajjiżi mingħajr ħlas, kif ukoll gruppi jiġu hawn b`fondi tal-Ewropa u b`hekk jgħinu wkoll ir-rota tal-ekonomija tagħna fejn jidħlu akkomodazzjoni u stabbilimenti ta` ikel u xorb.

**Forza tal-Ordni:**

Nista ngħid illi minkejja d-diversi ilmenti li ġieli jkolna min naħa tal-pubbliku fuq nuqqas ta` Pulizija fl-għassa u forsi li jista jkun hawn forza tal-ordni aħjar, nemmen il-Pulizija tagħmel ix-xogħol tagħha kif tista. Jekk Alla jrid issa jkolna l-għassa l-ġdida apparti xi kontroversji, allura jkun jista jkolna spettur tagħna bħala diviżjon. Tajjeb nispjega wkoll illi l-għassa ser ikollha access ta` *lift* għall-anzjani tagħna. Il-binja tal-għassa l-ġdida qeghda fi stadju avvanzat ħafna. Isiru laqgħat ta` sikwit mal-Ispettur u anke l-uffiċjali li jservu fil-lokal tagħna. Nista ngħid li għandi rapport tajjeb ħafna magħhom u dejjem kienu hemm biex jaghtuna l-aħjar servizz.

**Indafa fit-toroq:**

Il-Kunsill tagħna kuntent bis-servizz li noffru fl-indafa. Wieħed ma jridxx jagħti każ li forsi jkun numru insignifikanti ta` nies li forsi jisfidaw il-liġi. Hawn ma nistax ma nirringrazzjax lill-ħafna ndividwi tal-informazzjoni li jibgħatu biex b`hekk aħna wkoll stajna ninfurmaw l-awtoritajiet u ittiehdu wkoll passi fejn anke ndividwi ġew immultati bi ksur ta` ligi. Servizzi ta` knis, kollezzjoni ta` skart domestiku, kontenituri tas-separazzjoni, ġbir ta skart goff kulljum mit-tnejn sal-ġimgħa, żdiedu kontenituri max- xatt għal iskart kontamenat eċċ. L-indafa ma tiġix b'xejn u nassigurakom li l-Kunsill joħroġ ħafna u ħafna fondi biex tinżamm din l-indafa. Dan apparti li kien hemm mumenti fejn anke tlabna l-għajnuna ta' *Clean Malta*. Mhux faċli iżda naslu. Minn stħarriġ li sar u mill-kazi li niltaqgħu maghhom kuljum jirriżulta li l-abbużi ħafna drabi jsiru minn ġirien tagħna. Dan isir għax ċertu lokalitajiet m`għandhomx kontenituri allura jabbużaw minn tagħna. Kien hemm nies li jiġu l-quddies jew jippassiggaw max xatt u jġibu l-borża tal-iskart tagħhom. Tajjeb li dalwaqt ikolna is-CCTV cameras.

**Latrini Pubbliċi:**

Il-latrini pubbliċi żgur li din l-aħħar sena kellhom servizz impekkabbli. Fejn qabel konna nirċievu għexieren ta` lmenti nistgħu ngħidu minn meta nbidel il-kuntrattur u żiedna *attendants* mill-ħaddiema tal-komunita`, dawn waqqfu. Indafa u servizz mill-aqwa. Grazzi Il-Fundazzjoni tal-iżvilupp f`żoni Pubbliċi li kontinwament jgħinuna fil-manutenzjoni tal-4 latrini li għandna.

**Stabbilimenti ta` ikel u xorb u negozji oħra:**

Fejn jidħlu stabbilimenti ta` ikel u xorb wieħed ma` naħsibx li hemm għalfejn jilmenta. Minn naħa tagħna ngħinu fejn nistgħu biex jekk jista jkun ma ntelfux in-negozju. Bil-kelma t-tajba dejjem wasalna. Dejjem xtaqna koperazzjoni biex innaqqsu nkonvinjent lill-pubbliku nġenerali. L-aktar ilmenti huma dawk ta` numru żejda ta` mwejjed u siġġijiet mhux skond il-permessi fejn persuna ma jistax jgħaddi b`siġġu tar-roti jew b`xi pramm u pparkjar doppju ħdejn it-*take aways*. Dan l-aħħar kelna proġett ewropew li ħdimnieh flimkien mal-Wasteserv fejn diversi ħwienet ipparteċipaw u bbenifikaw minnu. Minn naħa tagħna aħna provdejna kontenituri max-xatt biex jiddisponu mill-ħġieġ.

L-istabbilimenti tal-ikel u xorb ma` tantx kellhom sena tajba u għalhekk minn naħa tagħna pruvajna nkunu forċina u fejn stajna taffejna ftit mill-ispejjeż billi niġbrulhom l-iskart minn naħa tagħna kif ukoll minn naħa tal-Wasteserv.

**Rivista tal-Kunsill:**

Ħassejna li r-rivista tal-Kunsill għandha tibqa toħroġ kull sitt xhur biex b`hekk il-popolin tagħna jibqa aġġornat xi jkun qed isir fil-lokal tagħna.

**Live Streaming:**

Kull laqgħa tal-Kunsill tigi *live streamed* u dan biex min ikun irid isegwi minn ġewwa daru jkun jista jagħmel dan mingħajr xkiel ta` xejn. Nemmen ħafna bit-trasparenza u b`hekk il-Kunsill jemmen li dan is-servizz jibqa jingħata. Dan l-aħħar ħafna laqgħat saru virtwali u xorta permezz tal-FB tal-Kunsill stajna nxandruha *live*.

**Kleru:**

Nistgħu ngħidu li l-Kunsill għandu rapport tajbin ħafna mal-Kappillan Fr. Roderick Camilleri u l-Viċi tiegħu Fr. Luke Cutajar. Dejjem konna viċin xulxin. Naħdmu u ngħinu fejn nistgħu l-Kummissjoni djakonija li qed jagħmlu ħafna ġid ma` resident vulnerabbli fil-lokal.

**Infrastruttura ta` toroq godda:**

Hawn ma nistax ngħid illi l-Kunsill kien kuntent biex xogħol min-naħa ta` *Infrastructure Malta*. Dan żgur li mhux tort tal-Ministeru iżda sfortunatament tal-kuntratturi maħtura biex jgħamel xogħol ta` kostruzzjoni. Forsi xi drabi resident jilmentaw mal-Kunsill. Minn naħa tagħna aħna nirreferu l-ilment il-Periti responsabbli. Ma nistgħux nlumuhom għax igergru u jinsuluntaw lill-membri tal-Kunsill. Fl-aħħar l-infrstruttura Malta lestit, Triq Qaliet, Zonqor, Sengle u anke Gardiel. Sar xogħol fuq il-mollijiet Zonqor kif ukoll San Tumas.

**Infrastruttura Marittima:**

Hawn nista ngħid li minkejja d-dewmin ukoll almenu saru l-moll l-ġdid ta` fejn il-klabb tal-*water polo.* Hawn nista ngħid illi ħdimna ħafna flimkien mal-Perit Carmelo Bononna illi kelna kuntatt kontinwu kif kien qiegħed isir ix-xogħol. Ħdimna wkoll biex ikun aċċess għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

**Spazji Pubbliċi/ Parkeġġi inkluż tal-iskola San Ġwakkin:**

Kif jaf kullħadd nafu illi l-progress iġib ir-rigress. Nifmhu kif inbidel il-lokal tagħna ta` Marsaskala f' dawn l-aħħar snin. Popolazzjoni tgħodd kważi 15,000. Blokok tal-bini kullimkien flok sempliċiment terran fejn kienu jabitaw l-antenati tagħna. Dan wassalna biex aktar appartamenti, aktar abitanti u anqas parkeġġi. Problema li mhux faċli tissolva. Għadna għaddejjin b` diskussjonijiet mad-dipartiment tal-edukazzjoni.

**Saga tal-Karavans:**

Fl-aħħar din il-problema ġiet solvuta wkoll. Ħarġet il-bye-law u għalhekk issa il-Pulizija ma` jistgħux ma jieħdux passi ma min jabbuża. Twaħħlu wkoll tabelli mal-kosta biex jigwidaw in-nies.

**Xogħol ieħor:**

Apparti minn dan ix-xogħol kollu msemmi hawn fuq żgur illi x-xogħol tas-Sindakat ma jieqax hawn. Wieħed irid isemmi kuntatti ta` kulljum mar-residenti, spezzjoni fuq xogħol, laqgħat tal-Ministeri u tas-Sindki u ċertu deċiżjonijiet li jkunu jridu jittieħdu. Dan apparti laqghat ma entitajiet u nies ohra.

Minkejja kollox u minkejja li s-sindakat mhux xi xogħol faċli xorta waħda nistqarr illi nieħu gost nagħmlu. Nipprova dejjem inkun ta` servizz iżda mhux dejjem tista taqdi lill kullħadd. Dan huwa xogħol volontarju u jiena ċert li trid tkun veru dedikat biex tagħmlu.

**Rapport ta' Ħidma mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon**

**L-Ambjent u Il-Magħluq**

Fid-dekasteru tal-Ambjent ħadna ħsieb li nibqgħu għaddejjin bid-day to day work u nattendu għaż-żoni rurali tagħna sabiex dawn jibqgħu mantenuti kif suppost. Flimkien ma Infrastructure Malta, ERA, Works u Nature Trust ikkordinajna meetings kemm fuq il-post, kemm virtwali u anke attendejna għal diskussjonijiet fejn jirrigwarda iċ-ċirkulazzjoni tas-salmastru ġol-Maghluq u anke iddiskutejna fuq possibbilment soluzzjoni permanenti għall-overflow ta' l-ilma meta jogħla l-livell tal-baħar fil-Bajja ta' Marsaskala. Bħalissa qiegħed jsir id-dredging fuq l-ewwel parti ta' l-istess.

Għal-ewwel darba konna rebbieħa tal-Malta Waste Reduction Awards 2020 fis-sezzjoni tal-Amministrazzjoni Pubblika bil-proġett ta' riċiklar li għamilna bl-isem ta' TYRE-D Beds.

Applikajna u ingħatajna 30 siġra żgħira tal-Palm tat-Tamal mid-Dipartiment tal-Agrikoltura u ser jinżgħeru fiż-żona rurali li hemm biżwit il-latrina taż-Żonqor.

Il-Kunsill tagħna b'kollaborazzjoni ma artista barranija, Anna Horvath, li rebħet arts fund għall-proġett bl-isem ta' SORĠI, ser tkun qiegħda titqiegħed ġewwa il-Magħluq ta' Marsaskala, bank artistiku magħmul minn materjal riċiklat tal-kostruzzjoni ta' x'qiegħed jirrappreżenta. Fil-Każ tagħna l-bank ser ikun qiegħed jirrappreżenta l-binja, issa mitlufa, tas-Sun City Cinema.

## Trasport Pubbliku

Fuq il-qasam tat-Trasport pubbliku ħdimt sabiex l-anzjani u nies b'diffikultà ta' mobilità jkollhom soljev biex jivvjaġġaw minn banda għall-oħra tal-lokalità tagħna. Għaldaqstant applikajna għal Skema ta' Accessibilità u Mobilità fejn din tirrikjedi li jinxtara Van Elettriku.

B'dan il-mezz, ser inkunu qed nassistu lir-residenti tagħna fi trasport fil-konfini tal-Lokalità tagħna għall-bżonnijiet bażiċi tagħhom li jinkludu; visiti fil-berġa, servizzi postali, dipartimenti varji tal-Gvern inkluz il-Kunsill Lokali, banek, servizzi finanzjarji, fost numru ta' postijiet essenzjali oħra. Din l-iskema waslet fit-tmiem tagħha u jekk il-Kunsill tagħna jintgħazel ser inkunu qegħdin noffru dan it-trasport b'xejn u li jaħdem b'zero emmisjonijiet.

## Transport

Prezentajna proposta ta' konnessjoni bejn Triq Sant'Antnin u Triq San Ġwakkin. Din hi soluzzjoni li Marsaskala għandha bżonnha sabiex jeleva l-konġestjoni u t-traffiku mill-qalba ta' Marsaskala, Triq ix-Xatt. Permezz tal-fondi li ser ningħataw mill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta ser inkunu qegħdin niskattaw studju dettaljat ta' diversi soluzzjonijiet viabbli li l-inqas joħolqu inkonvenjent lill-komunità biex sussegwentement jiġi ppresentat lill-entità governattiva konċernata biex jiġi eżegwit.

Dan l-istudju jinvolvi;

- Analiżi tas-Sit biex tidentifika l-karatteristiċi taż-żona.
- Identifikazzjoni ta' posibbilità ta' rotot differenti.
- Preparamenti ta' SWOT analiżi ta' kull possibbilità identifikata.
- Diskussjoni ta' possibbilitajiet mal-Kunsill Lokali u l-KKNM.
- Preparazzjoni ta' stimi ta' livell għoli ta' kull possibbilità.
- Konsultazzjoni ma' Infrastructure Malta, l-Awtorità tal-Ippjanar, l-Awtorità tal-Ambjent u r-Rizorsi u kwalunkwe partijiet oħra interessati identifikati biex jispjegaw il-proġett u jiddiskutu l-possibbilitajiet.

Jekk din il-proposta, wara li l-istudji jkunu ta' sodisfazzjon, timmaterjalizza inkunu qed nelevaw ħafna traffiku miċ-ċentru ta' Marsaskala u anke ikun hemm il-possibbilita' li Triq ix-Xatt tiġi Żona Pedonali.

## Ħarsien tal-Annimali

Għat-tieni sena konsekuttiva applikajna għall-LC Care fund fejn bis-saħħa ta' din l-iskema il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala reġa nieda kampanja oħra b'risq l-annimali abbandunati.

L-iskema ta' din is-sena bdiet fl-1 ta' Jannar 2021. Din qiegħda tiffoka fuq vawċers tal-ikel u tindif ta' fejn hemm ix-xelters/kolonji tal-qtates. B'dan il-mod ser inkunu qegħdin ngħinu l-*feeders* u nippromwovu l-indafa wkoll. Qegħdin ukoll fil-proċess biex naraw ġietx aċċettata t-talba tagħna sabiex ningħataw fondi għal spejjeż veterinarji sabiex inkunu nistgħu nattendu għas-saħħa tal-qtates abbandunati fil-lokalità.

**Sport**

Sfortunatament minħabba is-sitwazzjoni tal-Pandemija fuq dan il-Qasam ma setgħux isiru attivitajiet pero xorta bqajna ta' spalla għall-klabbs sportivi tagħna billi bqajna intuhom l-għajnuna. Minn hawn nixtieq ngħid prosit lil żewġ żagħżagħ mil-lokalità tagħna li għamlu suċċess barra xtutna Thomas Woods fl-għawm u Tenishia Thorton fil-weightlifting. Lil Ezmily Mifsud li intgħażlet minn mat-tim tal-waterpolo ta' Marsaskala għal man-Nazzjonal u lill-Marsaskala FC li kwalifikaw għall-play-offs fis-Semi Final tan-National Amateur League minkejja l-isfidi tal-pandemija.

**Attivitajiet inkluż dawk Fiżiċi**

Wara s-suċċess ta' l-ewwel Vilaġġ tal-Milied, ħejjejt pjan finanzjarju tal-istess u applikajna għall-fondi kulturali sabiex jekk is-sitwazzjoni tinbidel, din is-sena nerġgħu nagħmlu l-Villaġġ tal-Milied bl-isem ta' Milied Skaliż.

**Oħrajn**

Implimentajna "Online Permit System" sabiex niffaċilitaw aktar il-ħidma tal-customer care tagħna u anke inkunu aktar flessibbli u trasparenti mal-komunità tagħna.

Karatteristiċi u Benefiċċji li ser toffri din is-sistema huma;

- Ġestjoni tal-Utenti
- Tara l-Lista tal-Permessi Pubbliċi
- Ħlas onlajn
- Talba għall-Permess Pubbliku
- Kundizzjonijiet tat-Triq
- Ġestjoni tat-Traffiku
- Ġenerazzjoni ta' riċevuta
- Rappurtar

Din is-sistema maret live fl-4 ta' April 2021

**Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier Dr. Errol Cutajar**

Dwar l-idea illi tiġi restawrata il-Batterija tal-Franċiż, bl-isem ta' Ducleseaux Redoubt, ġewwa l-Bajja ta' San Tumas, illi minn indaġini li saret, irriżulta illi hija propjeta tal-Gvern. Fil-fatt saret talba, għar-restawr ta' l-istess batterija, jew partijiet minnha, lill-Awtorita' tal-Artijiet, liema talba kienet ġiet rifjutata peress illi il-Kunsill ma għandu l-ebda titolu legali fuqha, madanakollu l-istess awtorita' kienet issuġġeriet lill-istess Kunsill, jekk hux interessat illi l-imsemmija propjeta tiġi devoluta lill-Kunsill. Kemm – il darba kellha tiġi devoluta lill-Kunsill, din ser tkun tiswa' ħafna spejjeż għaż-żamma u għall-manutensjoni tagħha, partikolarment minħabba l-lok fejn tinsab. In vista ta' dan, il-proġett għalissa kellu jiġi shelved.

Is-sottokumitat għal Wirt Storiku u l-Qasam Soċjali, li twaqqaf sena ilu bi tlett (3) membri – Dr Errol Cutajar, Joseph Farrugia u Malcolm Schembri, sa issa żamm laqgħa waħda biss, nhar il-10 ta' Marzu 2020, fejn ġew diskussi diversi affarijiet, fost oħrajn il-Gun post ta' Triq Apap Bologna, u l-Batterija tal-Franċiż, kif ukoll ġiet esplorata il-possibilita jew il-vijabillita, illi jinfetħu għall-pubbliku il-Katakombi li jinstabu taħt l-art fi triq il-Katakombi, u li jistgħu ukoll iservu ta' attrazzjoni turistika.

Hemm ukoll l-idea illi issir mappa tas-siti storiċi li jinsabu fil-lokalita' sabiex din tiġi ppubblikata fuq il-magazin – website, tal-Kunsill, bil-ħsieb illi 'l quddiem din l-istess mappa, tkun tista isservi bħala pjattaforma għal vjaġġ kulturali kemm għat-turisti, kif ukoll għal kull min ikun jixtieq jesplora dawn is-siti. In vista taċ-ċirkostanzi tal-pandemija, ftit li xejn sar progress f'dan il-kamp.

Dwar il-qasam soċjali, l-idea hi illi jiġu identifikati persuni fil-komunita' illi huma vulnerabbli, bħal individwi li ma għandhomx saqaf fuq rashom, oħrajn li jgħixu ġo garaxxijiet, u persuni jew familji illi jkunu għaddejjin minn żminijiet infeliċi. L-idea hi, li l-Kunsill, ftit jista' jkun ta' għajnuna diretta lejn dawn in-nies, madanakollu, jekk identifikati, il-Kunsill jista' jservi ta' pjattaforma biex iressaq lil dawn il-persuni lejn Dipartimenti, awtoritajiet tal-Gvern, jew aġenziji oħra illi jista' ikunu ta' għajnuna diretta għalihom.

Qed issir ukoll ħidma, sabiex jiġu identifikati persuni oħra illi jistgħu jifformaw parti minn dan is-sottokumitat, illi minħabba ċ-ċirkostanzi tal-pandemija, ftit li xejn sar progress fuq bażi ta' sottokumitat.

**<u>Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri</u>**

**<u>Introduzzjoni fuqhi</u>**

Jien akkademiku l-Universita ta' Malta. Nispeċjalizza fil-litteriżmu diġitali, innovazzjoni u leadership. Barra ix-xogħol fil-fakulta u l-kunsill noffri s-servizzi tiegħi fuq bordijiet lokali, fosthom il-Fondazzjoni Nazzjonali tal-eskills u l-bord tal-Literiżżmu Diġitali ma' l-Awtorita tax-Xandir u oħrajn. Nokkupa wkoll karigi fuq bordijiet internazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni diġitali, żagħżagħ, kultura w ugwaljanza bejn is-sessi.

**<u>Kuntest</u>**

Bħal fil-każ ta' kulħadd din kienet sena partikolari ħafna fejn anke l-mod ta' komunikazzjoni interna ta' bejnietna ġiet affettwata. Min naħa tiegħi jien din is-sena li għaddiet użajt ilkapaċitajiet tekniċi tiegħi u fejn stajt ipprovdejt is-servizz tiegħi biex nieħu ħsieb li l-laqgħat tagħna tal-kunsill ikomplu għaddejjin b'mod virtwali. Qiegħed ukoll involut fil-proċess u ttrattattivi biex nieħdu ħsieb li l-parkeġġ ta' taħt l-iskola primarja l-ġdida ikun jista jintuża mirresidenti ukoll. Inċidentalment, flimkien mas-sindku bdejna l-proċess permezz ta' laqgħat ma' Transport Malta biex naraw il-possibilta ta' parkeġġi alternattivi kemm għan-nies tal-lokal kif ukoll għal dawk li jiġu jżuru l-lokalita tagħna speċjalment fi tmiem il-ġimgħa, btajjel u festi pubbliċi. Dan l-aħħar ukoll kellhi l-opportunita u l-unur li nirrapreżenta l-kunsilli ta' Malta kif ukoll il-kunsill tagħna f'diskussjoni li tagħmel parti minn strateġija nazzjonali rigward l-edukazzjoni u informazzjoni fuq l-Intelliġenza Artifiċjali. Qabel ma' nqbaddna fil-COVID-19 kont anke għaddej f'diskussjonijiet mad-dipartiment tal-Literiżżmu Diġitali u Ħiliet Transversali fi ħdan il-Direttorat tal-edukazzjoni biex jinħoloq hub għal-literiżżmu diġitali għat tfal tal-lokalita tagħna u l-ġenituri jew l-gwardjani tagħhom.

Filkaż ta' l-ambjent tajt il-parti tiegħi b'rapporti li jikkonċernaw l-immaniġjar tal-iskart, qtugħ ta' ħaxix u linji ta' parkeġġ speċjalment fiż-żona ta' Bellavista. Kont ukoll involut fl-immaniġġjar ta' Dr Patrick Camilleri EdD (Sheffield), MEd. Science Education (Sheffield), B.Ed. (Hons) Melit. MOTC (Illinois) eSkills Strategic Committee Member Malta National Digital Literacy Advisory Board Member. Broadcasting Authority patrick.camilleri@gmail.com tabelli rigward l-użu tar-roti fuq il-Promenade tagħna u tajt l-opinjoni kostruttiva tiegħi fejn jidħlu diskussjonijiet ta'

żvilupp ġewwa Marsaskala li jinkludi wkoll l-attendenza tiegħi għal laqgħa publikka imtellgħa mill-għaqda Save Marsaskala biex inkun nista nifhem aħjar dak li tixtieq lgħaqda u li jkun tajjeb għal-lokalita tagħna. Kont ukoll preżenti għal diversi laqgħat pubbliċi inkluż il-laqgħa mal-periti fuq is-sit tal-binja ġdida tal-kunsill. Kont ukoll ta' servizz għal bosta residenti li resqu il-mistoqsijiet, ilmenti u pariri tagħhom miegħi. Fl-aħħar jiem urejt l-interess tiegħi malMinisteru tal-Edukazzjoni biex inkun membru fil-kunsill tal-iskola primarja ġdida.

**<u>Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud</u>**

B'differenza mis-soltu minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid din id-darba ma tantx nista nikkummenta fuq l-attivitajiet li jkunu saru. Jiena bħala Kunsillier responsabbli mill-anzjani, edukazzjoni u l-ġonna pubbliċi xtaqt l- stajt nagħmek ħafna aktar. Bħala anzjan ma stajtx indur mar-raħal u niltaqa` man-nies bħas-soltu, biss xorta waħda n-nies kienu jċempluli u jien kont narakif nista naqdihom mill-aħjar li nista. Kont indur xi dawra bil-karozza u fejnkont niltaqa ma xi nuqqasijiet kont meta immur sal-Kunsill, ħaġa li kont nagħmilha spiss, kont nirraporta u konna nieħdu l-passi meħtieġa.

Rigward l-edukazzjoni, peress li ħafna drabi l-iskejjel kienu jkunu magħluqa ma bqajtx nittawwal ta' spiss, kif ukoll l-laqgħat ta' kull xahar tal-Kunsill tal-iskola li jiena tiegħu l-President ma' baqgħux isiru. Nisperaw li ma ndumux ma nerġgħu lura għan-normal.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-ġonna, għalkemm ma bqajtx indur bħas-soltu, xorta waħda x-xogħol baqa` għaddej, permezz tal-ġardinar bravu tagħna Pierre. Żbir, tindif, ħrit u tħawwil ta' fjuri baqa` jsir. Jiena kont inżomm kuntatt ma Pierre permezz tat-telefon u hu kien jibgħatli r-ritratti tax-xogħol li jkun qed isir.

Nispera li ma ndumux ma nerġgħu niġu lura għan-nrmal u nkompli bil-ħarġiet, laqgħat u mawriet għal Għawdex bħal qabel.

**<u>Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier il-Perit John Schembri.</u>**

Last year, as a Local Council memeber, I continued to observe and act on the infrastructure of our seaside town. My duties included mainly to report on any irregularities and damages throughout the place.

I was very pleased that some of my details clarified in my reports in the previous year were given some importance. In fact while inspecting some areas in our locality, I could notice workers changing rusted signs while the new surfacing of some roads were also being done. In addition, the concrete seating on the promenade (which was being attacked by spalling) was replaced.

Last year saw the begining of the actual construction of the new council's premises. Although the work was advancing at a slow pace, it was being done professionaly. I could say this because I made it a point to inspect the site regulary.

I conclude that we have done a lot of important work, all councillors and Mayor together. Of course, this work would have been futile without the sterling input of all employees of the Local Council.

**<u>Rapport ta’ Ħidma mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri</u>**

Ix-xoghol ta’ manutenzzjoni fejn jidhol dwal tat- toroq, Gonna publici u ix- xatt mill Ponta ta' Zonqor sal Bajja ta San Tumas ma jieqaf qatt.

Kif ukoll installazjoni ta’ dawl gdid f’toroq godda jew toroq li kien hemm nuqqas ta dawl.

ghawn taht hemm lista ta uhud mill- affarijiet li saru tull dan iz-zmien.

1. Wara hafna problem ili kelna fil- gnien Sant Anna Bidilna is-sistema tad-distribuzjoni kif ukoll ghamilna kaxxa tad dawl aktar sikura u tixraq mall post. Il-problemi jidher li issolvew.
2. Bidilna ukoll il-lampi ta dan il-gnien u wahalna dawl LED fejn jikunsmaw hafna inqas u juru izjed.
3. Bidilna il-lampi kollha tal Gnien ta' San Thumas.
4. Bidlina xi partitjiet mil wires ta l-istess post peress li wara il-hsara li kien hemm instab xi wires li kieluhom il-grieden.
5. Komplejna bil-manutenzjoni li jinkludi restawr u trangar ta' iktar Fanali ornamentali fi triq iz-Zonqor .
6. Bidilna il-Fanali qodma ta' triq San George , triq iz-Zonqor u ta wara il -Knisja u min flokhom wahalna fanali godda u ta still rustiku li jikumplimentaw il-qalba tal Village. Dawn huma kollha LED u jammonatw ghal 15 il fanal.

   Wahalna dawn il-fanali godda f' dawn it-toroq :-

   - 2 Patri Wistin Born.
   - 3 Bajja San Thumas.
   - 1 Ta' Gidwet.
   - 1 Pjazza Dun Tarcis.
   - 2 Il-Btieti.
   - 1 Lampuka.
   - 1 Fil Bidni
7. Wara li tlestiet triq il-Qalliet min Infrastructre Malta bdejna ix-xoghol sabiex tigi stallata Zebra Crossing gdida fi triq il Qaliet u kelna naghmlu kollox mill gdid fi triq iz-Zonqor wara li tlesta ix-xoghol tat Tarmak.
8. B'kollaborazzjoni ma FRIENDS OF MARSASKALA installa l-ewwel AED fi Pjazza Dun Tarciz.
9. Bdejna bix-xoghol sabiex iz-zuntier tal knisja ikun kollhu kemm hu mixghul mas sistema tad dawl tat toroq.
10. B'kollaborazzjoni ma ZIBEL Installajna l-ewwel SEA BIN fi triq ix-xatt u kien mahsub li jkunu stallati iktar sistemi ta dan it-tip..

    Dwar l-integrazzjoni socjali saru xi kuntatti izda habba il-pandemija ma tantx setgha jsir xoghol f'dan ir-rigward.

**Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli**

Minkejja l-pandemija, il-kunsill lokali baqgħa jiltaqa kif mitlub mill-liġi, permezz tal-mezzi soċjali. L-istess mezzi huma important għaliex saru l-unika mezz ta' komunikzzjoni preżenti, bejn ir-residenti u l-kunsilliera.

Il-kunsill intlaqat minn diversi kwistjonijiet kontroversjali b' mod speċjali l-ambjent u l-infrastruttura. Wara diversi xhur niġru wara l-awtoritajiet kompetenti, għadna kif stallajna *cameras* fuq il-*bring in sites* biex niġġieldu r-rimi bl-addoċċ. Jekk inwarbu d-dewmien esagerat sakem wasalna s' hawn, din is-sistema kienet waħda pożittiva, u għandha tiffaċilita l-infurzar fir-rigward ta' rimi.

Is-settur tal-ambjent għadu lura ħafna. Sfortunatament intuża bħala ballun politiku li fejn jaqbel, nieħdu deċiżjoni favur il-ħdura taż-żoni, u fejn ma' jkunx jaqbel, nawtorizzaw il-mitigazzjoni ta' dawn iż-żoni, irrispettivament min jekk hux il-binja tal-AUM, il-Jerma, il-pixxina jew il-binja tal-Kunsill. Għandna nkunu konsistenti fid-deċiżjonijiet tagħna, u min hu ambjentalist, għandu jkun ambjentalist dejjem.

Fix-xhur li gejjin se nkun qed nikkommetti ruħi biex niżgura li permezz ta' fondi tal-kunsill, l-Infrastructure Malta, u l-MTA, nibdew insebħu żoni diversi madwar il-lokal. Għaldaqstant, se nkun qed inressaq quddiem il-kunsill mozzjonijiet, biex permezz tagħhom, inħaddru l-ispazzji tagħna.

Għadna kif smajna b' kompetizzjoni għal-riġenerazzjoni taċ-ċentru tal-lokal. Se nkun qed nikkommetti ruħi li ngħin f' dan ir-rigward, biex nara li ebda intrapriża ma' toħnoq il-proċess, imma nużaw din il-kompetizzjoni bħala mezz kif iċ-ċentru ta' Wied il-Għajn jingħata aktar spazji miftuħa lir-residenti. L-għan tiegħi hu li nara proġett li jgħati dehra isbaħ liċ-ċentru, permezz ta' ħarsa lejn l-identita marittima tagħna. Dan l-ispazju għandu jkun aċċessibli għal kulħadd, u jixpruna l-użu tat-teknologija biex jolqot anki liż-żgħażagħ. F' dan il-proġett għandna nikkumbattu wkoll il-problema tal-għoli tal-baħar mill-Knisja sa' ħdejn il-monument tad-Douzelage.

L-għeluq tal-WasteServ għandna nħarsuh mill-qrib biex l-ispazzji jkunu mirbuħa mill-pubbliku, u nħarsu lejn żvilupp innovattiv u sostenibbli, fejn il-bilanċ bejn l-intrapriża u l-ambjent ikun milħuq, u r-residenti jingħataw arja aktar nadifa.

Wied il-Għajn, aktar ma jgħaddi żmien, aktar qed jikber u jinbidel. Jekk jaħrab l-arloġġ taż-żmien, se jkun diffiċli wisq biex inġibuh lura għal dak li nafuh illum. Bħala persuna li ġej minn barra l-lokal, nifhem lill-min trabba hawn u qed jara lill-Wied il-Għajn jikber b' rata allarmanti. Nħddejjaq nisma nies jgħidu sar Buġibba ieħor, jew, m'għadux sabiħ kif kien. Filwaqt li kieku Wied il-Għajn ma kibirx u ma żviluppax, il-familja u jien ma kienx ikollna fejn ninżlu ngħixu hawn, irridu niżguraw li l-progress ma jibqax igib regress, imma l-progress irid jimxi mas-sostenibilta.

**Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud**

**Konklużjoni**

Din is-sena li għaddiet xejn ma kienet faċli u dan minħabba il-pandemija tal-Covid 19. Għamilna minn kollox biex nibqgħu nagħtu servizz il-pubbliku. Ħadna il-prekawzjonijiet kollha biex nevitaw tixried tal-virus.

Minkeja dan kollu bqajna għaddejjin u ċert il-popolin taghna kien kuntent. Kien hemm perjodu fejn anke għalaqna l-bandli u dan biex nimxu mad-direttivi li jkun ħareg il-Gvern.